# Għajnsielem



**Kitba ta' Pawlu Mizzi**

Id-dokumentazzjoni bil-miktub ta' l-isem *Għajnsielem* tibda minn tarf is-seklu XVI. F'att notarili tas-17 ta' Frar 1587 in-nutar J.D.Formosa jidentifika lill-Imġarr u l-Għajnsielem bħala post wieħed: '... ***el migiar** sive **hain selem** ...*'. U jiddeskrivihom superfiċjalment bħala '*contrada* fil-gżira ta' Għawdex'. (Ara G.Wettinger fil-*Placenames of the Maltese Islands*, Malta, 2000). F'liema parti tal-gżira qiegħda dil-*contrada* l-att ma jsemmix. Għandi naħseb, imma, li dak iż-żmien aktar milli llum *Għajnsielem* u *l-Imġarr* kienu mitqiesa bħala nħawi wieħed: raħal żgħir bi xtajta kennija. Ma jidhirx li din ix-xtajta kellha isem. Kienet daħla żgħira li n-nies kienu jsejħu 'ix-xatt'. Aktarx fiha s-sajjieda kienu jsorġu d-dgħajjes tas-sajd tagħhom. U aktarx xi tartana tat-tagħbija. Il-Granmastru Pinto kien għamel moll għalihom. U minn Ras in-Nawwiela sa Ras il-Qala kien, filfatt, sar il-port awtorizzat biex minnu jagħmlu servizz ta' ġarr ta' merkanzija u passiġġieri bejn iż-żewġ gżejjer.

Dan is-servizz fis-seklu XIII kien diġa jeżisti. Dak iż-żmien kien jissejjaħ il-*madhia* (mill-Għarbi '*madhi*' li jfisser 'ċattra tal-baħar'). Il-gvernatur ta' Malta Gilibertus Abate fir-rapport li bagħat lis-sultan Federiku II fl-1241 stqarr li din il-*madhia* kienet fost il-*gabbelle* li kienu l-iktar għanja tar-*regia secrezia* ta' Malta. Maż-żmien il-*madhi* nbidel f'dgħajsa bi qlugħ, speċi ta' tartana li l-Għawdxin kienu jsejħu 'dgħajsa tal-latini'. Għal xi żmien kienet tissejjaħ dgħajsa tal-pass. Minn tarf is-seklu XIX beda servizz bil-vapur minn xatt sa xatt u s-servizz beda jissjjaħ 'tad-dawra'. L-isem *madhia,* għalhekk, intilef u ma baqax jintuża. Aktarx minħabba f'hekk li xi kittieba ħawduh mal-kelma omonoma (tixbaħha fil-ħoss) 'mogħdija' (mimmat tal-verb 'għadda'). Kien hemm dan l-aħħar min anke semma' triq għal din il-'mogħdija'.

Il-kelma '*contrada*' hi inqas problematika. Għadna nużawha. F'dizzjunarju Sqalli antik hija definita bħala 'luogo abitato' jiġifieri 'inħawi abitat'. Xi nutara Maltin, fil-fatt, jagħtuha wkoll bid-definizzjoni: '*contrata sive raħal*'. Xi storiċi huma tal-fehma li kull ċentru urban kiber minn '*contrada*', bi ftit griebeġ imxerrda 'l hawn u 'l hinn, għal raħal kif nifhmuh illum: inħawi abitat fil-kampanja. Mhux magħruf jekk bediex b'ħanut, speċi ta' lukanda żgħira biex tilqa' xi stranġieri li jkunu qed jistennew xi dgħajsa taqsam għal Malta. L-irħula fil-kampanja bejn il-belt u l-port hekk kienu jibdew. L-iktar fejn id-distanza bejniethom kienet tkun kbira. Dal-'ħanut' kien ikollu miegħu tverna, remissa għaż-żwiemel, b'forġa biex il-ħaddied ikun jista' jniegħel u jorbot il-buttun u ċ-ċirku tar-roti, u bir bi ħwat madwaru mnejn jinsqew il-bhejjem.

Mijiet ta' snin għaddew minn mindu dil-*contrada* fix-xaqliba fix-xlokk tal-gżira qabdet l-iżvilupp urbanistiku tagħha. Sa meta ġew il-Kavallieri fl-1530 kien sar diġa port ewlieni ta' destinazzjoni. Imbagħad fl-1609 fuq Ras it-Tafal ittella' t-torri Garzes u fl-1618 it-torri ta' Kemmuna. It-tnejn biex jitħarsu d-dgħajjes li jidħlu u joħorġu minn dan il-port. U fl-1716 l-inġinier Tignè fassal pjanti għal belt imponenti fl-Imġarr. Min jara l-pjanta ta' l-inħawi kif ħażżiżhom de Palmeus fl-1754 jista' josserva l-ilma tal-widien jitlaqqa' fl-'imġar'. Forsi minħabba f'hekk li l-pjanijiet oriġinali kellhom jinbidlu u flokhom tinbena fuq ir-riħ tiegħu l-forti Chambrai.

Matul dan iż-żmien il-*contrada* ma baqgħetx sempliċi espressjoni ġeografika '... ***el migiar** sive **hain selem** ...*'. Kibret fuq żewġ naħiet: xatt u raħal. It-tnejn għalihom. Kull naħa bid-definizzjoni u bl-iżvilupp partikolari tagħha.

Ma' l-Iżvilupp tax-Xatt f'port tal-ġarr, ix-xatt sejħulu 'l-Imġarr', b'doppja erre fl-aħħar. Għax hekk ħasbu xi

lessikografi li ħalltu 'il-post fejn jitlaqqa' l-ilma tan-nixxigħat' ma' 'port tal-ġarr'. Il-poplu, imma, baqa'jsejjaħlu 'Ix-Xatt'. U r-raħal ta' 'hain selem', b'mod skorrett, bdew jgħidulu 'Għajn Salem'. Għall-Prof Aquilina ż-żewġ tibdiliet jagħmlu sens. L-Imġarr, skond ma' jgħid fid-dizzjunarju tiegħu, huwa nom mimmat imnissel mill-verb trux 'ġarr'; waqt li Għajn Salem hu toponomu fl-istat kostrutt magħmul minn żewġ nomi: għajn (*the stream*) u l-isem mislem 'Salem'.

Dwar dan mhux kulħadd jaqbel. Jien wieħed minnhom. U dan għal għadd ta' raġunijiet. Nibda b' 'L-Imġarr'. Skond l-etimoloġija ta' dan it-toponomu 'migiar', kif miktub b'karattri Latini min-nutara tas-seklu XVII, hu varjazzjoni tas-semitiku 'mġâr'. Bil-vokali 'iâ' mkarkra u b' 'r' waħda fl-aħħar. Għax 'mġâr' hu l-plural ta' 'mâġra', il-post mnejn tgħaddi n-nixxiegħa. Il-kelma l-oħra 'l-imġarr', jekk tista' tingħad fil-Malti, hi kelma oħra għal 'port'. Aquilina stess jiddistingwi bejn 'mġar' u 'mġarr'. Ta' l-ewwel hu '*source, stream*'. Tat-tieni '*a place to which merchandise and other commodities are carried*'.

Iżda barra mit-tagħrif filoloġiku, biex wieħed jifhem sewwa t-tgerfix ta' dan it-toponomu, jekk hix 'mġar' jew 'mġarr', wieħed irid iqis ukoll l-morfoloġija tan-nomi mnissla jiġifieri l-mod ta' kif jitnisslu dawn in-nomi mimmati.

Jgħidulhom mimmati għax għandhom il-prefiss "m". Dawn jistgħu jitnisslu kemm min-nomi oħra, u kemm minn aġġettivi. Imma jistgħu jitnisslu ukoll minn verbi. 'Marbat' minn 'rabat', per eżempju. Għalhekk jissejħu nomi verbali. Il-funzjoni tagħhom huwa li jew juru l-azzjoni jew l-istat tal-verb stess. Mhux il-verbi trilitteri kollha, imma, inisslu nomi mimmati. Il-verbi torox inisslu biss in-*nomen unitatis,* jiġifieri nom ta' unità fil-femminil singular u għalhekk bis-suffiss 'a'. Minn 'żamm' nagħmlu 'żamma' u mhux 'mżamm', minn 'sarr' nagħmlu 'sorra' u mhux 'msarr', u minn 'damm' nagħmlu 'damma' u mhux 'mdamm'. U hekk ukoll minn 'ġarr' nagħmlu 'ġarra' u mhux 'mġarr'.

U l-istess analisi grammatikali għandu jsir fil-każ ta' *Għajnsielem*. Għalija minn'hajn selem' u mhux minn 'għajn Salem' tnissel l-isem *Għajnsielem*. Għax l-ewwel vokali 'e' hija l-'ie' mkarkra tat-tielet forma. Barra minnhekk, il-kelmiet 'mġâr' u 'mġarr' huma omonomiċi u mhux diffiċli li jitħawdu flimkien. Għalhekk, xi studjużi barranin tħawdu. L-iktar Salvatore Cusa u Giovanni Caracausi żewġ lessikografi li srħarrġu t-toponomi Sqallin u Maltin. Forsi, ukoll, minħabba li 'għajn' (*fountain*) u 'mġâr' (*stream*) huma sinonimi xi studjużi tħawdu fuq l-interpretazzjoni tat-toponomu Għajnsielem. Min qal li tfisser 'għajn ta' sliem' u min 'għajn ta' Salem'.

L-isem *Għajnsielem* bħala raħal, iżda, la jidher fil-lista ta' Gian Francesco Abela fid-*Della Descrittione di Malta* (Malta,1647) u lanqas f'dik tal-Kan. G.P. Agius de Soldanis fil-'Gozo antico e moderno sacro e profano' (*mss*, NLM *Libr 145*). Fittixt tagħrif ukoll fost il-kittieba tas-seklu XIX. Ftit li xejn, iżda, sibt għajnuna. Fil-*Malta Cananea* ta' Annibale Preca u fil-manuskritt ta' Napuljun Tagliaferro 'Vocabolario Topografico dell'isola di Malta' preservat fl-Librerija ta' l-Università ta' Malta kull tagħrif hu superfiċjali. U hekk ukoll fit-*Toponomastika* ta' Erin Serracono Inglott u *t'The Placenames of the Coast of Gozo (Malta)* ta' Joe Zammit Ciantar. Forsi minħabba dan in-nuqqas ta' definizzjoni li Għajnsielem lanqas jidher fost l-irħula mitlufin miġbura mill-Professur Wettinger (A.Luttrell, ed, *Medieval Malta*, London,1979).

L-istess baħħ ta' tagħrif jinsab fil-materjal kartografiku tal-Mediterran ta' qabel is-seklu XVII. Fil-portulan *Compasso da Navigare*, magħmul f'tarf is-seklu XIII, Għajnsielem ma jidhirx fost it-tlettax-il toponomu li hemm fih. U l-inqas jidher fuq il-mappa f'din it-talba u lanqas jidher fil-mappa li magħmel Peri Rais ta' l-1524. Dan Peri Rais kien kursar Tork u kien jafhom sewwa dawn l-inħawi t'Għawdex. Għalih, imma, il-port u l-fliegu kienu biss ankraġġ ta' kenn. Kif kien ġie deskritt fit-talba li fl-1416 l-*universitas* ta' Għawdex għamlet lir-re Ferdinandu biex jinbena torri fuq Kemmuna. U dan minkejja li kellu jsir biex jipproteġi d-dgħajjes tal-*madhia* li kienu deħlin u ħerġin mill-Imġarr.

Dan in-nuqqas ta' dokumentazzjoni bil-miktub ma jfissirx li l-isem *Għajnsielem* ma kienx jeżisti qabel is-seklu XVI. It-tiswira semitika tiegħu hi konferma tal-qdumija ta' nislu. Ta' l-inqas minn żmien id-dominazzjoni misilma. Jekk mhux immedjatament mal-wasla tagħhom fis-sena 870 A.D., ma għandix dubbju li kien bejn l-1040 u l-1229 meta dawn in-naħiet tax-xlokk ta' Sqallija kienu miżgħuda b'abitani li ma kenux jitkellmu għajr b'ilsien Berbru jew Għarbi.

Tixhed l-istess morfoloġija li bih issawwar dan l-isem. Nom, li hu termnu geofiżiku, deskritt bl-għan li jservi ta' verb denominattiv: 'Għajn' u 'sielem'. It-termnu geofiżiku ta' l-ewwel issibu wkoll f'kull art fejn hemm jew few xi darba kien hemm l-Għarab. Nom li jiddefinixxi l-inħawi. Fil-każ tagħna 'għajn', bl-'għ' ratba mhux ħarxa, li tfisser 'kap', 'ponta', jew 'ras ta' promontorju'. Tista' tkun ukoll 'contrata' jiġifieri nħawi abitat jew abitabbli. Il-kelma l-oħra 'sielem' hi verb denominattiv tat-tieni forma fil-lingwa Għarbija. U tat-tlielet forma f'din Maltija. Verb imnissel min-nom 'sliem'. L-għan ta' din il-forma hu li

jsaħħaħ l-azzjoni jew l-istat jew il-manjiera li jagħmel in-nom. Fil-każ tagħna 'sielem' tfisser 'li jagħti sliem'. F'termni moderni 'li jilqgħek'.

Ma jidhirlix li hemm dubbju li Għajnsielem, bħala raħal, hu nieqes minn din il-karatteristika. Jilqgħek minn kull naħa l-iktar min-naħa tal-baħar. Għad-dehra pittoreska tiegħu prinċipalment: il-wied, il-blat għoli qisu swar tal-ġganti, l-imsaġar iffullati bil-ħarrub u l-qasab u l-ilwien ta' l-art imżewqa qisha qawsalla minn aħmar għal griż. Imma barra minn hekk għax port kenni. Jimlik bis-sliem. Imkien bħalu jekk wieħed iqis li dik il-ħabta l-baħar ta' madwaru kien miftuħ beraħ u mimli perikli! 'Għajn', inħawi, u 'sielem', li jagħti s-sliem.

Hekk kienu jingħataw l-ismijiet tal-postijiet fil-bikri. Jekk il-post ikun fl-apert jew ta' għamla ġeofiżika komuni bħal wied, għar, wita, xagħri, xatt, jew ħondoq dan jindikawlu l-karatteristika tiegħu. Bħal per eżempji: wied il-mielaħ, għar il-kbir, ħondoq ir-rummien, jew ir-ramla il-ħamra. Xi drabi wkoll jiddistingwuh minn xi oġġett, ħaxixa jew siġra partikolari li jikbru fihom. Bħal: ix-xewkija, it-taflija, il-biżbiżija, il-wardija, jew il-ħawlija. Jekk in-nom ikun femminil, bħal nom ta' unità, jissawwar mill-plural tal-femminil. Jew bit-T marbuta bil-partiċella *ta'* bħala prefiss. Bħal, per eżempju, post fejn tikber is-siġra ta' l-*asan* (palm jew akaċja) isir 'sanat' (pl. ta' *asan*) u jissejjaħ 'ta' sanat'. U hekk ta' ħamet, ta' koljat, u ta' ħaġrat. Jew bl-artiklu indefinit: bħal per eżempju, 'iż-żebbuġ', isem li oriġinalment kien ingħata għall-inħawi fejn kienet tikber is-siġra taż-żebbuġa (pl. żebbuġ); u post urbanizzat jiġifieri fejn hemm id-djar kienu jgħidulu 'il-ħaġar' (pl. ta' ħuġira). 'Ħuġira' tfisser 'dar żgħira'. Kelma li llum m'għadhiex fl-użu. Tingħad biss fl-idjoma 'b'ħaġarna' jiġifieri "bil-belt tagħna'. Bħal fl-espressjoni 'morna nilqgħu l-Papa b'ħaġarna' jiġifieri 'morna nilqgħu l-Papa b'kulħadd, bil-belt tagħna'. Mela il-post li kien fih għadd ta' ħaġar (djar) kien jissejjaħ 'Il-Ħaġar' (bil-Latin *oppidum*, bit-Taljan *borgo*, u bl-Ingliż '*town*'). 'Ir-Rabat' ukoll imnissel minn denomnattiv bħalu: 'rab' li tfisser 'għalqa bid-djar', (pl. 'raba'). Dokumentata l-ewwel darba fl-1090 bit-tifsira ta' 'belt'. Dik tal-Marokk. Wara ġiet imdaħħla fi Spanja mill-Berbri. Ġie li l-isem kien korrott f'alraval jew al rabbatum. Wasal fi Sqallija għall-ħabta tas-seklu XIII mal-fewdaliżmu. U għalhekk belt li kien ikollha kastell magħha kienet tingħad 'irrabbato'. B'hekk ċ-ċentru urbanizzat (l-*oppidum*) fil-qalba tal-gżira tagħna flok il-ħaġar fis-seklu XV beda jissejjaħ 'Ir-Rabat'. Xi kliem bħal 'ħuġira', 'rab', u 'għajn' bl-'għ' ratba nsejnihom.

Ma nixtieqx nirrepeti l-iżball ta' x'uħud fuq l-isem *Għajnsielem*. L-affermazzjonijiet li nagħmlu maż-żmien jistgħu jirriżultaw f'ipotesijiet. Minħabba s-semantika tal-kelma 'għajn', l-isem *Għajnsielem* jingħata wisq konnotazzjonijiet. U ma nazzardax ngħid kif u mnejn noqob. Il-kelma 'għajn' oriġinalment kellha aktar minn tifsira waħda. Bl-'għ' ħarxa kienet tfisser 'nixxiegħa ta' l-ilma', u bl-'għ' ratba tfisser 'contrada'. Illum l-'għ' ħarxa m'għadhiex tinħass u l-biċċa l-kbira tal-lessikografi Maltin jiddefinixxu 'għajn' bħala 'fons' jiġifieri 'fontana' li minnha joħroġ l-ilma. U, mingħajr ma noqogħdu nħabblu rasna biex naraw jekk dan hux minnu jew le naqtgħuha li t-toponomu 'għajn' għandha x'taqsam dejjem ma' nixxiegħa ta' l-ilma.

M.A.Vassalli fil-Lexicon tiegħu jagħti sittax-il definizzjoni ta' 'għajn'. Prominenti t-tifsira tradizzjonali ta' 'nixxiegħa ta' l-ilma'. Prof. Aquilina jiġbed wara Vassalli. Jagħti l-għerq tagħha mill-Għarbi bl-istess tifsira. Tlieta fost l-iktar tifsiriet rari huma: 'għajn' bħala 'fissura/occhiello' jiġifieri xaqq fil-blat dak li aħna llum ngħidulu wied; 'għajn' bħala 'fronde, vettuccia, cima del rame, punta tenera'; u 'għajn' bħala 'luogo aperto e esposto a solario'. Prof. Dionysius Agius, li llum hu kap ta' l-istudji semitiċi fl-Università ta' Leeds, jiddistingwi bejn l-'għ' ħarxa li fil-kelma 'għajn' fl-Għarbi klassiku kienet tfisser 'a spring' (Issirlin, 1969) u l-'għ' ratba li fl-Għarbi Sqalli kienet tfisser 'a certain or particular place/ settlement' (Lane, 1984).

Din id-differenza bażika fl-ittra 'għ' kient tinħassu sewwa sas-seklu XV. Tant li fil-kitbiet tagħhom in-nutara kienu jiktbuha b'karattru diffferenti. L-'għ' f'Għajn il-kbira, il-*fons magnun,* kienu jiktubha ħarxa. Bl-ittra 'g'. '*Gayn ilkibire*'. U din kienet waħda mis-sitt għejjun, *gabelle* tas-*secreto,* fl-1372. Għall-kuntrarju l-'għ' ratba kienu jiktbuha bl-ittra 'h'. Għajn Riħana, per eżempju, kienu jiktbuha '*hayn richane*' għax 'għajn' f'dan il-każ kienet tfisser *contrata*, *jardinu* jew *targie*. Fl-att tan-nutar J.Sabbara ta' l-20 ta' Jannar 1495 'għajn' hi deskritta bħala '*jardinu*'.

Ma tistax ma tolqtokx l-ortografija tan-nutara dak iż-żmien. Anke l-Prof. Godfrey Wettinger jinnotaha fl-introduzzjoni għall-ktieb tiegħu *Placenames*. L-'għ' ħarxa kienet tinkiteb 'g' waqt li l-'għ' ratba 'h'. Minkejja dan, iżda, donnu jibqa' dejjem id-dubbju. L-istess studjuż jistqarr li'l-ebda test miktub bl-Għarbi ma waslilna'. Xi toponomi Sqallin bl-'għajn' bħal 'Ayn al qatat', (xebbaħ ma' Għajn Qatet barra r-Rabat) illum Canicatta, huwa distrett, l-inħawi tal-barrieri (mnejn jaqatgħu l-ġebel), mhux 'għajn ta' l-ilma' bl-'għ' ratba tinħass 'c', karattru simili għall-ħoss tal-'h' fl-ortografija tan-nutara tagħna.

L-'għajn' fit-toponomu *Għajnsielem* tinħass bl-'għ' ratba u għalhekk it-tifsira tagħha ma jidhirlix li oriġinalment kienet ta' 'maġra' jew 'nixxiegħa ta' l-ilma'.

Imma 'ras', 'kap', jew 'post'. L-iktar meta ma' 'għajn' iżżid il-verb denominali tat-tielet forma 'sielem' li jikkwalifika l-istat ta' sliem li jkollu 'kap ta' kenn jew port li jilqgħek'.

Madanakollu, għandi kull rispett għat-tradizzjonijiet u għal-leġġendi mat-toponomi. Waħda mill-isbaħ hi dik ta' l-Għajn ta' Salem li fuqha mibnija t-tradizzjoni tar-rabta bejn *Għajnsielem* u l-Madonna ta' Loreto.

'Darba,' tgħid din il-leġġenda, 'ċertu raħħal Anġlu Grech, imlaqqam *ta' xini*, inzerta ħdejn l-għajn ta' Salem. Waqt li kien mehdi jisqi l-bhejjem tiegħu, miġbur fit-talb jgħid ir-Rużarju bħas-soltu, deherlu li quddiemu qed jara mara sabiħa liebsa l-abjad. Tbissmitlu. U qaltlu: "Jien Omm Sidna ta' Loreto".

"X'tixtieq?" staqsiha Anġlu.

"Li tweġġgħuni," weġbitu l-mara. "U li f'dal-post ta' sliem tibnuli l-knisja f'ġieħ ismi!'

Il-mara reġgħet tbissmitlu u għebet fid-dija tagħha.

Ix-xnigħa tad-dehra ta' din Omm Sidna ta' Loreto ġriet bħal-leħħa ta' berqa mar-raħal kollu. U minn dak inhar il-pelligrinaġġi lejn il-Għajn ta' Salem ma qatgħu qatt.

Jekk din l-Għajn ta' Salem tatx isimha lil dan ir-raħal ta' Għajsielem jew le l-leġġenda ma tgħidx. Huwa, iżda, fatt li ħadd ma jista' jiċħdu li minn żmien żemżem Għajnsielem tqies dejjem minn dawk kollha li żaru l-gżira Għawdxija bħala 'il-port tas-sliem' u 'post li jilqgħek'.

**ATTARD Auto Showroom**

***Used Quality Cars***

***Car Rentals***

***Importers of Japanese Second Hand Cars***

***Sub-Agent for New Peugeot Scooters, Yamaha Motorcycles and Daelim Customs***

***Insurance Sub Agent***

**Triq Borg Għarib, Għajnsielem - Tel: 2156 4031, Mob: 9949 8641**

GRECH ALUMINIUM

**Grech Aluminium** **(former of Xuereb Aluminium)**

**Mario Grech**

**Managing Director**

57 Triq il-Ġnien, Għajnsielem

*Tel:* 2155 3161 *Fax:* 2156 2993 *Mob:* 9943 5725